MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 1882/2005

**Metis Company Limited (C21311)**

**Vs**

**Martine Darenbach Gervais**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2005, fejn gie premess illi s-socjeta` attrici, fuq struzzjonijiet tal-konvenut organizzat wirja gewwa t-Teatru Manoel, Valletta, nhar it-3 ta' Settembru 2004. Is-socjeta` inkorriet diversi spejjes inkluz dawk tar-riceviment waqt l-istess inawgurazzjoni tal-wirja. Minkejja li s-socjeta` attrici hallset l-ammont ta' mija u tnax il-Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm112.80) ghal dan ir-riceviment (kopja ta' l-invoice hija hawn annessa u mmarkata Dok 'I'), il-konvenuta naqqset li tirrfondi l-istess ammont lis-socjeta` konvenuta. Interpellata diversi drabi l-konvenuta baqghet

inadempjenti. Is-socjeta` attrici talbet ghalhekk li t-Tribunal ghandu jiddikjara lill-konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' mija u tnax il-Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm112.80) u tordna lill-konvenuta thallas l-istess ammont msemmi bl-imghax u l-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Settembru 2005 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok '2').

Ra r-**Risposta** tal-konvenuta tat-18 ta' Jannar 2006, fejn il-konvenuta tichad illi s-somma mitluba hija dovuta u dan stante illi l-ammont huwa wiehed eccessiv u mhux dak miftiehem bejn l-atturi u l-konvenuta. Ghaldaqstant qed tikkontesta t-talba mitluba quddiem dan it-Tribunal.

Ra d-dokumenti kollha esebitu u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra d-digriet tal-20 ta' Gunju 2007, li permezz tieghu l-affidavit ta' Antoine Gambin pprezentat b'nota tal-14 ta` Gunju 2006 gie sfilzat.

Ikkunsidra :

Illi principalment l-vertenza f'din il-kawza hija dwar jekk il-konvenuta hix obbligata thallas l-ispejjes ghal riceviment li sar u organizzat mis-socjeta` attrici, jew le, waqt il-ftuh ta' esebizzjoni ta' pitturi tal-konvenuta organizzata mill-istess socjeta` attrici.

Qabel xejn jigi rilevat u nnotat mit-Tribunal illi ghalkemm il-kawza hija ntavolata mis-socjeta` Metis Company Limited, b'dana kollu mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi :

(1) l-ewwel intalbet s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm125) minn Antoine Gambin bhala operator ta' 'The Manoel Theatre Shop' (fol 36),
(2) mbaghad intalbet thallas hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm85) ghall-istess haga mis-socjeta` Special Interest Outlets Ltd (fol 39),
(3) mbaghad mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) mis-socjeta` Special Interest Outlets Ltd li jinkludu wkoll 'printing of invitations' (fol 38),

(4) mbaghad mija u tnax il-Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm112.80) minn somma ferm akbar li tkopri diversi items ohra minn Antoine Gambin ghan-nom ta' Metis Company Limited u Special Interest Outlets Limited (fol 39)
(5) u finalment din il-kawza maghmula minn Metis Company Limited fejn intalab il-hlas ta' mija u tnax il-Liri Maltin u tmemin centezmu (LM112.80).

**Michelle Caruana Dingli**, fl-Affidavit taghha tghid illi "*……niftakar sew illi kienu iddiskutew (Antoine Gambin u l-konvenuta) il-kwistjoni tal-hlasijiet. Niftakar illi l-arrangament kien illi l-ispejjes illi jintefqu kien a karigu tas-Sinjura Derenbach…..*" In kontro-ezami tghid illi "*…..pero` d-dealings saru l-iktar ma` Antoine Gambin*".

Il-**konvenuta** minn naha taghha tghid fl-Affidavit taghha, u ssostni in konto-ezami, illi "*this condition, and this was the only thing we agreed on as compensation, was just to get 15% from the sales of the paintings, without however giving me any paper to sign…..Mr Gambin also told me that except for those above-mentioned 15%, the rest of my expenses would be sponsored, which meant that I, was not to pay anything for such things as postcards, invitations and catering*".

**Emanuel Fiorentinio** wkoll xehed illi l-konvenuta minn dejjem sostniet, anke waqt l-argument li nqala` meta nghalqet il-mostra, illi "*hija bdiet tghid li skond il-ftehim li kellhom, l-ispejjes kollha kienu koperti mill-isponsors u li kellu commission ta' 15% fuq il-bejgh tal-kwadri*".

Illi t-Tribunal huwa ghalhekk rinfacjat b'zewg verzjonijiet diversi. Lil hinn mill-fatt jekk kinitx is-socjeta` attrici li kellha tinizjala dawn il-proceduri in kwantu illi ma hemm ebda eccezzjoni f'dan is-sens, it-Tribunal irid issa jiddeciedi liema minn dawn iz-zewg versjonijiet hija l-aktar kredibbli u verosimili.

Ibbazat fuq il-konsistenza tal-konvenuta fid-deposizzjoni taghha anke in kontro-ezami, komparat mal-konfuzjoni tat-talba attrici kif tirrizulta anke fuq il-kwantum mitlub bid-

dokumenti (fol 36 sa fol 39) esebiti, flimkien mal-fatt illi ma jirrizultawx provi cari u skjetti favur it-tezi tas-socjeta` attrici li ghandhom jikkonvincu lil dan il-Tribunal jilqa` t-talba attrici, it-Tribunal propens illi jichad l-istess talba.

It-Tribunal iqis illi rinfaccjat b'zewg verzjonijiet diversi tal-kontendenti, irid ifittiex biex jara jekk il-provi mressqa mis-socjeta` attrici jistghux almenu fuq livell ta' probabbilita` jwassluh jakkorda t-talba attrici.

Dan mhux il-kaz ghax it-Tibunal iqis illi mill-provi prodotti, inkluz dawk dokumentali, is-socjeta` attrici naqqset illi tressaq provi konvincenti almenu sal-grad hawn fuq msemmi. Apparti t-tahwid fil-pretensjonijiet kif dedotti kontra l-konvenuta qabel l-inizjalar ta' dawn il-proceduri, tahwid mhux biss f'min kien qed jitlob il-hlas, imma anke fil-quantum li kien qed jigi hemmek mitlub, fuq kollox is-socjeta` attrici naqqset illi tikkonvinci lit-Tribunal illi kien hemm il-ftehim minnha allegat. F'dan is-sens issib li l-konvenuta kienet aktar konvincenti fil-versjoni taghha, ossia illi l-ftehim kien illi s-socjeta` attrici (jew haddiehor!!) kien intitolat biss ghall-persentagg mill-bejgh tal-bicciet ta l-arti tal-istess konvenuta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi u wara illi t-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi mressqa, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jichad it-talba attrici, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------